MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-18 ta' April, 2005

Avviz Numru. 441/2004

**Paul Pace u martu Angele Pace (ID 157561M u 512165M)**

**vs**

**Mario Cardona – I D 645861M**

**I**l-Qorti,

Wara li rat it-talba ta’ l-atturi ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma  ta’ elfejn, mitejn u tmienja u tletin lira Maltin u tmienja u tmenin centezmu (Lm2,238.88) skond skrittura ffirmata bejnithom fl-10 ta’ Awissu, 2000 quddiem in-Nutar Dr Tonio Spiteri (Dok A), li permezz taghha l-konvenut ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur b’titolu ta’ self, versu l-atturi fis-somma ta’ Lm2,238.88.

Bl-interessi ta’ 8% fis-sena li skond l-istess skrittura bdew jiddekorru mill-1 ta’ Jannar, 1999 u bl-ispejjez, inkluzi

dawk ta’ l-ittra legali tal-11 ta’ Dicembru, 2001, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni. [ara statement Dok B]

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet ta’ l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-11 ta’ April, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------